MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 2433/1998/1

**A.J.& F. Attard Limited**

**Vs**

**Antoine Vassallo**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tlett elef u erbgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,084.50) oltre l-imghax skond il-ligi bilanc minn somma akbar rapprezentanti din is-somma prezz ta' appalt ezegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Peress illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat biex ihallas din is-somma baqa' inadempjenti.

Peress illi d-debitu huwa veru, cert, likwidu u dovut.

Peress illi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrci u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kompletati fl-Artikoli 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghidu l-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef u erbgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,084.50).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji u ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru 1998 u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici ma hux dovut mill-konvenut.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-kont kif ipprezentat mis-socjeta' attrici ghandu

prezzijiet ezagerati u fi kwalunkwe kaz xi-xogholijiet in kwistjoni ma kienux rikjesti mill-konvenut u wisq anqas ma kienu bzonnjuzi.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi fi kwalsiasi kaz xi-xogholijiet in kwistjoni ma sarux skond l-arti u s-sengha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza odjerna hija wahda intempestiva u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-fatti tal-partijiet;

Rat id-digriet a fol. 18 li bih gie nominat il-Perit Albert Fenech;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Albert Fenech a fol. 79 et seq.;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet.

**Talba u eccezzjonijiet**

Is-socjeta’ attrici qeghda titlob il-hlas ta’ bilanc ta’ hlas dovut skond appalt illi hija ghamlet fuq inkarigu tal-konvenut, waqt li l-konvenut qieghed jeccepixxi li t-talbiet attrici huma nfondati ghax il-kreditu pretiz m’huwiex dovut billi l-prezzijiet ikkwotati mis-socjeta’ huma ezagerati, li x-xoghlijiet in kwistjoni ma kienux rikjesti u lanqas bzonnjuzi, li ma sarux skond is-sengha u l-arti u li l-kawza attrici hija wahda intempestiva.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-appalt in kwistjoni  gie mwettaq mis-socjeta' attrici fuq kummissjoni minn zewg proprjetarji, Taddeo sive Eddie Borg fir-rigward tal-fond 181, Triq il-Kbira, u l-fond 182 tal-konvenut, konsistenti f'bir, il-qbija tal-pjan terren, u erba' sulari.

Is-socjeta' attrici tirritjeni li l-ftehim dwar rati applikabbli, anness bhala 'Dok. B' kien gie iffirmat mill-partijiet kollha, inkluz il-konvenut, imma mbaghad il-kopja bil-firem ta' kulhadd kienet intilfet, u fil-fatt fil-kawza ma gietx prodotta kopja ffirmata mill-konvenut. Ix-xhud Thaddeo sive Eddie Borg ma setghax jikkonferma jekk dan id-dokument giex iffirmat mill-konvenut.  Joseph Attard mis-socjeta` attrici jghid illi nesa il-kopja iffirmata warajh ghand il-konvenut u ma regax raha. Il-Perit Attard a fol. 143 jghid illi l-ftehim ma sarx quddiemu izda kkonferma illi huwa mexa fuq ir-rati tal-ftehim biex hareg il-kontijiet relattivi.

Kif jirrileva l-Perit Tekniku fir-rapport tieghu, ghalkemm ma gietx ezibita prova tad-dokument iffirmat, jidher li hemm qbil bejn il-partijiet illi l-kejl kien dejjem qieghed isir skond l-istimi kontenuti fid-dokument. Thaddeo Borg a fol. 175 jikkonferma illi "*Il-konvenut qatt m'awtorizzani niffirma ghalih, pero` nixtieq nippreciza li r-rati tax-xoghol li l-kuntratturi kienu tawna, konna rajniehom flimkien u accettajna li naghtu x-xoghol lill-kuntratturi in kwistjoni*."

Dwar affarijiet teknici, il-konvenut spjega li kienet l-ewwel darba li kien qed jibni u li ghalhekk halla kollox f'idejn il-Perit.

Jirrizulta li l-pagamenti ghal dan il-progett kienu qeghdin isiru akkont, Borg ihallas tieghu u l-konvenut ihallas tieghu, apparti f'dawk l-okkazjonijiet fejn Borg hallas ghall-konvenut ghax kellu jaghtih xi flus.  Thaddeo Borg jikkonferma a fol. 131 illi kien ihallas akkont skond il-kejl ta' l-atturi, u, fejn ma kienx hemm qbil, kien ihallas skond il-kont tal-Perit Attard. In kontroezami, a fol. 154, Angelo Attard ghas-socjeta` attrici jispjega illi l-hlasijiet mill-konvenut kienu jsiru '*on account*'.  Il-konvenut jghid illi l-hlasijiet ma kienux isiru skond il-kontijiet tal-Perit imma li Joseph Attard tas-socjeta` attrici kien anki jmur isibu fil-

hanut tieghu jew jiltaqa’ mieghu u jitolbu hlas ghax kellhom hafna flus barra u fl-idejn u kellhom ihallsu xi makkinarju li kienu ghadhom kif xtraw.

Angelo Attard ghas-socjeta` attrici, a fol. 151, jallega illi saru xi ‘extra works’ li ma jafx bihom il-perit, izda l-entita` u il-kwantita` ta’ dawn l-allegati ‘extra works’ ma gewx ippruvati fl-atti. A fol. 161 l-istess xhud jghid illi jaqbel illi kien hemm avarija fil-kejl gewwa l-bir.  Il-konvenut xehed illi fil-bir intuza hafna materjal ghal xejn u li dana ingab minghajr il-kunsens tal-Perit Attard, li kien inkarigat mix-xoghlijiet. Ghal dan il-ghan kien intalab ukoll illi jigi ezibit il-kont tal-bir li s-socjeta’ attrici kienet ghamlet ghal Thaddeo sive Eddie Borg, izda s-socjeta’ attrici opponiet. Il-konvenut Antoine Vassallo jghid illi ma kienx qabel ma’ kif kienu ser jaghmlu l-bir, li kien cempel lill-Perit li qallu li ma setax ikun hemm ghal dik il-gimgha, u qallu li ser ikun jista’ jmur fuq il-post il-gimgha ta’ wara. Il-kuntratturi, pero`, kienu qabdu u mexxew bix-xoghol kif riedu huma, u ma stennewx id-direzzjoni tal-Perit. Il-konvenut jghid illi rigward il-bir intuza hafna konkos zejjed li tella’ hafna l-kont.

Il-Qorti taqbel ma’ dak illi ikkonkluda l-Perit Tekniku dwar il-komportament tal-Perit Attard, pero` jibqa’ l-fatt illi x-xhieda tieghu biss, inkluz l-affidavit, flimkien ma’ dik ta’ Thaddeo Borg, huma l-unici xhieda li jistghu jitqiesu sa certu punt indipendenti. Fil-punt 3 ta’ l-affidavit tieghu ezibit a fol. 259, il-Perit Attard jghid hekk:

“*Wara li rreferejt ghan-noti tieghi dwar dawn il-progetti nikkonferma li ma tajt ebda dettal ta’ xoghol fuq il-kostruzzjoni tal-bir fil-fond Nu. 182 tas-sur Vassallo. Dan ix-xoghol jigifieri dak li jirrigwarda l-kisi intern tal-bir imsemmi bil-bricks u konkos fil-bricks u bejn blat u bricks sar fl-assenza tieghi u jiena qatt ma ordnajt li jsir kif sar. Nghid li dan ix-xoghol kollu seta sar skond is-sena u l-arti minghajr ma kien jintuza materjal eccessiv jekk mhux necessarju bhal ma fil-fatt sar f’dan il-kaz, ghal din it-tip ta’ struttura. Dana kien ta’ detriment ghas-sur Vassallo peress illi inhliet parti sostanzjali mill volum tal-bir kif wkoll gholla il-kont tax-xoghol aktar milli suppost.*”

Il-Qorti rat il-konkluzjonijiet milhuqa mill-perit Albert Fenech fir-rapport tieghu fejn jispjega illi l-kwistjoni kienet dwar l-allegati ‘extra works’ mhux inkluzi fil-ftehim, il-kwistjoni tal-bir u l-allegazzjoni illi s-socjeta’ attrici ghamlet ‘overcharging’ u kien hemm diskrepanzi fil-kejl.

Is-socjeta’ attrici ma qablitx mar-rapport peritali izda illimitat ruhha ghal eskussjoni tal-perit u ma inqditx bl-appuntar ta’ periti addizzjonali, dana minkejja l-ilmenti li kellha fir-rigward tal-konkluzjonijiet raggunti mill-istess perit. F’dan ir-rigward il-Qorti ta’ l-Appell (**Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina**, 19 ta’ Ottubru, 2005), tispjega illi:

*F’kawza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijet **Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista** noe deciza fid-9 ta’ Frar, 2001, il-Qorti qalet illi l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccjosament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola u stabbilit anki mill-gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta’ perit tekiniku minnha nnominat il-ghaliex dik, kif inghad, tikkonstitwixxi element ta’ prova mportanti jekk mhux determinanti, li kellu jifforma gudizzju tal-gudikant. Huwa ghalhekk, ukoll illi l-ligi tipprovdi n-nomina ta’ periti addizzjonali li huwa mezz ta’ verifika ta’ opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta (ara wkoll **Carmel Sciortino vs Helen Camilleri et** Appell deciz fil-31 ta’ Lulju, 1996 u **Veronica Camilleri vs Joseph Thorne et** Civil Inferjuri deciza fit-2 ta’ Dicembru, 2002).*

Il-Qorti ghalhekk ghandha biss tiskarta l-opinjoni tat-tekniku jekk dana jasal ghal konkluzjonijiet zbaljati b’mod lampanti jew jekk hija sorretta minn opinjoni esperta wkoll u konvincentement kuntrarja ghall-ewwel wahda. F’din il-kawza ma hemmx lok ghal dan.

Is-socjeta’ attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ Lm3,084.50 imma l-Perit Tekniku wasal ghal ammont differenti. Jekk wiehed kellu jimxi, fl-ahhar mill-ahhar, fuq

il-konteggi tal-Perit Attard (u dan hu precizament dak illi riedu u kellhom jaghmlu l-partijiet u s-socjeta' attrici tghid li l-kawza hija bazata fuq il-kontijiet tal-perit), l-ammont finali dovut kien dak ta' Lm24,556.41. Il-konvenut b'kollox hallas Lm23,370.00. Dan ihalli kreditu ta' Lm1,186.41 favur is-socjeta' attrici.

Dana l-bilanc pero` jrid jinqara fil-kontest tal-kumment tal-Perit tekniku fil-punt 49 tar-rapport tieghu fejn hemm imnizzel :

*Minkejja d-diversi kontijiet mahruga mis-socjeta` attrici dwar l-istess xoghol, li kien tkejjel jew kellu jitkejjel mill-Perit Jean Pierre Attard, jidher car illi fejn il-kejl tax-xoghol ma setax jigi mkejjel akkuratament, bhal fejn hemm il-bir, u fejn hemm xibka u hadid extra fil-konkos, hlief waqt li jkunu mexjien bix-xoghol, is-socjeta` attrici ezagerat b'mod sfolgoranti l-entita` tax-xoghol u materjal li kien attwalment involut.*

Minkejja li jidher li kien hemm leggerezza min-naha tal-Perit Attard li ftit jew wisq ikkontribwiet ghall-incertezza u l-kontestazzjoni illi qamet, jidher illi kien hemm certa nuqqas ta' bona fede min-naha tas-socjeta' attrici meta gholliet il-kwantitajiet fejn il-kwantita` effettiva ma setghetx tigi verifikata.

In vizta ta' dana kollu il-Perit Tekniku wasal ghall-konkluzjoni illi jezistu ammonti mizjuda fil-kont tas-socjeta' attrici illi huma gonfjati u mpossibbli biex tikkwantifika, b'tali mod illi l-konvenut '*bil-pagamenti akkont li kien ghamel hallas iktar, u m'hux anqas milli kien dovut minnu.*'

Dana ghalkemm irrizultalu wkoll illi kien hemm xi 'extra works'. Jidher pero` illi, fir rigward ghall-kejl ta' hwejjeg illi ma jistghux jigu spezzjonati, jirrizulta li kien hemm kejl evidentement ezagerat. Dan imur kontra dak li hu tenut jaghmel min qed jizvolgi appalt. Kif intqal fil-kawza '**Carmelo Scicluna vs Giuseppe Mallia pro et noe**' Appell Civili, 31 ta' Mejju 1939, "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve almeno prestare una*

*capacita` ordinaria".* L-istess fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **'Raymond u Sharon konjugi Borg vs Hal Mann Limited',** 20 ta' Ottubru, 2003, li nislet is-segwenti citazzjonijiet: (i) "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Vol XXVII pI p374). (ii) "L-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu; u din il-garanzija hija mplicita. Huwa tenut anki ghall-kolpa ljevi" (Vol XL pI p485).

Il-Perit Tekniku jikkonkludi illi din id-divergenza fil-kejl setghet, meta kkwantifikata fi flus, teccedi l-Lm1,186.41 li huwa l-bilanc rimanenti skond il-kalkoli tal-Perit Tekniku, pero` b'riferenza ghall-ezistenza tal-'extra works' jghid li dawn m'humiex kwantifikabbli. A differenza tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-kalkoli ezagerati da parti tas-socjeta' attrici, illi jirreferu ghal affarijiet ghal kollox mistura, l-'*extra works*' ma kienx impossibbli li jigu ppruvati mis-socjeta' attrici, imma dana ma sarx.

Rigward it-tielet u ir-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut, dawn huma nfondati. L-eccezzjoni ta' intempestivita` ma gietx segwita tul il-kawza, u ma hemm l-ebda prova li tissorreggiha, waqt illi l-eccezzjoni li x-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti ma tistax tigi milqugha ghaliex deher car illi l-konvenut ma kienx qed jikkontesta l-kwalita` tax-xoghol moghti lilu.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi tenut kont ta' kollox u *arbitrio boni viri* ghandha, anki meta kkunsidrat il-valur shih tax-xoghlijiet u tal-hlasijiet maghmula, tiddecidi illi tikkundanna lill-konvenut ihallas wiehed minn ghaxra (1/10) mill-ammont ta' Lm 1,186.41, u cioe` is-somma ta' Lm118.64 bl-ispejjez jirreflettu tali apporzjonar fis-sens illi l-konvenut ikundannat ihallas wiehed minn ghaxra 1/10 mill-istess spejjez.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Prevja li tichad  l-ewwel talba attrici,
tichad it-tielet u ir-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut,
u  tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu u safejn huma kompatibbli ma' kif ser tintlaqa' it-tieni talba attrici;
Tilqa' t-tieni talba attrici in parte u
Tikkundanna lill-konvenut Antoine Vassallo sabiex ihallas is-somma ta' mija u tmintax il-lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm118.64) lis-socjeta' attrici,
bl-ispejjez in kwantu ghal 1/10 jithallsu mill-konvenut u r-rimanenti 9/10 mill-atturi.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------